30 ta' Ottubru, 1953.

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D..

**Emmanuele Aquilina *versus* Geraldo Sammut**

**Preskrizzjoni — Appell — Petizzjoni — Nullità —**

**Malleverija — Benefiċċju tal-Foqra — Art. 247 u 922 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjonijiet qatra mhix ammissibili, jekk il-konvenut li jeċċepixxi wahda minn dawn il-preskrizzjonijiet ikun adotta sistema ta' difiża li huwa inkompatibili ma' dik l-eċċezzjoni, jiġifieri jekk huwa, b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża jpoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibili l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni.*

*Meta l-konvenut ma jikkontestax sempliċement xi debitu tiegħu pretiż mill-attur, imma jikkontesta dak il-pretiż debitu bħala assolutament ineżistenti di fronti għall-attur, hemm dik l-inkompatibilità li tirrendi inammissibili l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Ebda petizzjoni ta' l-appell ma għandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkompanjata minn garanzija għall-ispejjeż tal-kawża.*

*Jekk l-appellant jagħmel domanda biex jiġi ammess li jappella bil-benefiċċju tal-foqra, u meta jippreżenta l-petizzjoni ta' l-appell ma jkunx għadu ġie ammess għal dak il-benefiċċju, huwa mhux eżentat mill-obligu li jġib il-pleġġerija rikjesta mill-liġi għall-ispejjeż ta' l-appell. Għaldaqstant hija nulla l-petizzjoni ta' l-appell, u huwa wkoll null l-appell, jekk huwa ma kienx ġà ammess għal dan il-benefiċċju meta ppreżenta l-petizzjoni mingħajr dik il-pleġġerija, avvolja huwa kien ġie ammess biex jippreżenta l-petizzjoni bl-eżenzjoni mill-ħlas tad-dritt tar-Reġistru sakemm jiġu kompletati l-proċeduri quddiem l-avukat tal-foqra, u avvolja r-relazzjoni ta' dak l-avukat in segwitu tkun favorevoli għat-talba ta' l-appellant biex jiġi ammess jappella "in forma pauperis". L-ammissjoni għal dak il-benefiċċju ma tiswiex biex tissupplixxi għal dak in-nuqqas u biex tevita n-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa silef lill-konvenut is-somma ta' £70; u illi, non ostante li ġie nterpellat bonarjament minnu biex iħallas, u anki b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Diċembru 1952, il-konvenut sal-lum għadu ma ħallasx id-dejn tiegħu; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallsu s-somma ta'

£70 b'titolu ta' restituzzjoni tas-self fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Diċembru 1952, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali. Il-konvenut ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik *il-Qorti* fit-30 ta' Ġunju 1953, li biha (1) ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u (2) ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob mingħand *il-konvenut, li* huwa tifel tal-mara tiegħu, ir-restituzzjoni ta' £70 li huwa jippretendi li silfu għall-użu tiegħu. Il-konvenut jiċħad din it-talba. L-attur jippretendi li huwa kellu xi flus għand il-mara tiegħu, u din qaltlu biex tagħti minnhom £70 lil binha, il-konvenut, biex dan ikun jista' jsiefer u jmur Catania...... Kontra din il-pretensjoni l-konvenut jallega *illi s-somma ta' £70 tathomlu* ommu minn £200 li l-attur kien wegħedha u effettivament taha qabel ma żżewwiġha...... Hekk il-konvenut jallega illi l-attur ma silfux flus, kif lanqas ma silfitu flus ommu;

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata mill-konvenut, l-attur jissottometti illi dina l-preskrizzjoni hekk sollevata mill-konvenut ma hijiex ammissibili. Din *is-sottomissjoni* tidher fondata fid-dritt, għaliex is-sistema tad-difiża adottat mill-konvenut huwa inkompatibili ma' dik l-eċċezzjoni. Tabilħaqq, il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hija waħda mill-preskrizzjonijiet qosra, u jinsab stabbilit fil-ġurisprudenza l-prinċipju, fondat fuq l-induzzjoni loġika, li skond is-sistema partikulari tal-kategorija ta' *preskrizzjonijiet bħal dawn, għall*-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibili l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibili l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti *dik l-istess preskrizzjoni*. Issa, il-konvenut mhux qiegħed sempliċement jikkontesta xi debitu tiegħu pretiż mill-attur; kieku dan kien il-każ, il-preskrizzjoni sollevata minnu kienet tkun ammissibili (Vol. XXVIII—I—

240; XXIX—I—976); imma huwa qiegħed jikkontesta dak il-pretiż debitu bħala assolutament ineżistenti di fronti għall-attur, u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibili ma' dik ta' l-ineżistenza assoluta tal-kreditu (Vol. XXVI—II—151, 449; XXX—I—964);

Illi fil-meritu l-konvenut jallega illi l-attur ma silfux dawk is-£70...... Għalhekk jirriżulta illi s-£70 huma ta' l-attur, u ġew mogħtija lill-konvenut b'self;

Illi ma kienx ġie fissat żmien meta l-konvenut kellu jirrestitwixxi dawk is-£70 lill-attur, kif lanqas ma ġie miftiehem li l-konvenut kellu jħallas imgħax fuq dik is-somma; u għalhekk dak is-self għandu jiġi ritenut li skada u sar eżegwibili u eżiġibili fi żmien sentejn minn meta ġie effettwat (art. 1121 (a) Kodiċi Ċivili). Ġie pruvat illi s-self sar qabel ma l-konvenut siefer u mar Catania...... u jirriżulta illi l-konvenut kien siefer fis-27 ta' Settembru 1947 (fol. 26). Għalhekk dak is-self il-lum jinsab eżiġibili;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu mogħtija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tan-nullità, sollevata mill-attur appellat;

Illi fit-trattazzjoni orali dik l-eċċezzjoni ġiet imfissra bħala bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 247 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jistabbilixxi li ebda petizzjoni ta' l-appell ma għandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkompanjata minn garanzija għall-ispejjeż tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-petizzjoni ta' l-appell (fol. 58) ġiet preżentata fis-17 ta' Lulju 1953, u fl-istess ġurnata l-appellant ippreżenta rikors (fol. 57), fejn, wara li espona li għamel talba sabiex jiġi ammess għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu sabiex jappella mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1953, u li jista' jagħlaq iż-żmien utili għall-appell sakemm ikunu kompletati l-proċeduri għall-ammissjoni għall-benefiċċju fuq imsemmi, talab li jiġi awtorizzat jippreżenta l-

petizzjoni ta' l-appell bla ħlas tad-dritt tar-Reġistru, salv kwalunkwe provvediment għall-eventwalità li ma jiġix ammess għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu. Din it-talba ġiet milqugħa b'digriet tat-18 ta' Lulju 1953 (fol. 56), bil-kondizzjoni li jitħallas id-dritt tar-Reġistru kemm il-darba r-relazzjoni ta' l-Avukat tal-Fqar tkun kuntrarja;

Ikkunsidrat;

Illi, kuntrarjament għal dak li ġie espost fir-rikors tas-17 ta' Lulju 1953 (fol. 57), it-talba tal-konvenut appellant biex jiġi ammess għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu ġiet preżentata fil-25 ta' Lulju 1953 (fol. 61), u l-Avukat tal-Fqar irrelata favorevolment fuq dik it-talba fit-8 ta' Awissu 1953 (fol. 60);

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk, meta l-appellant ippreżenta l-petizzjoni ta' l-appell fis-17 ta' Lulju 1953, huwa kien għadu ma kienx ammess li jipproċedi "in forma pauperis", u ma kienx eżenti milli jġib il-pleġġerija għall-ispejjeż skond l-ewwel paragrafu ta' l-art. 922 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jistabbilixxi bħala kondizzjoni għal dik l-eżenzjoni l-ammissjoni preventiva għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu. Lanqas jista' l-appellant jakkampa li huwa seta'-ġie meħlus li jippresta dik il-garanzija bl-imsemmi digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju 1953 (fol. 56), għaliex b'dan id-digriet ġiet milqugħa biss it-talba kif avanzata bir-rikors tiegħu tas-17 ta' Lulju 1953 (fol. 57), jiġifieri dik li jiġi awtorizzat jippreżenta l-petizzjoni ta' l-appell bla ħlas tad-dritt tar-Reġistru bir-riżerva hemm imsemmija. Konsegwentement, l-appellant mal-preżentazzjoni tal-petizzjoni kellu l-obligu li jottempera ruħu mad-dispożizzjoni fuq imsemmija ta' l-art. 247 tal-Kodiċi fuq ċitat, billi ebda waħda mill-eżenzjonijiet kontemplati fl-artikolu ta' wara (248) ma tapplika għall-każ. U ladarba ma għamilx hekk, il-petizzjoni ġiet preżentata ħażin, u hija nulla, bil-konsegwenza li huwa irritu u null dana l-appell;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ta' nullità, opposta mill-

attur appellat, u tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.

---